MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Numru. 239/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**
**VS**
**CARMELO BORDA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Carmelo Borda ta’ 43 sena, bin Francis u Maria Assunta nee’ Sultana mwieled Attard, fis- 16 ta’ Settembru 1969, residenti Silver Star, Flat 7, Triq il- Qalb ta’ Gesu Bugibba u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 394469M ;

Talli ;

1) f’ Dicembru 2011, u fix- xhur precedenti f’ dawn il- Gzejjer, b’ mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq

iehor, ingann jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama, jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' atkar minn €232.94, izda mhux aktar minn €2,329.37 ghad- detriment ta' Ryan Farrugia detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 307581M;

2) u aktar talli fl- istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar-radd tal- haga jwe li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' Ryan Farrugia detentur tal- Karta tal-Identiat' bin- numru 307581M;

3) ukoll talli kiser il- provvedimenti tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 billi kiser il- kundizzjonijiet imposti fuqu b' sentenza moghtija mill- Qorti tal- Magistrati datata 8 ta' April 2011;

4) aktar talli sar recidiv b' diversi sentenzi moghtija mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula ai terminu tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kodici Kriminali, Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi l-imputat hallas ghas-saldu l-ammont ta' sitt mija w hamsin Ewro (€650) seduta stante lil Ryan Farrugia, li min-naha tieghu ddikjara fil-Qorti li ma kellu ebda pretensjoni ohra kontra l-imputat;

Rat illi l-addebitu tar-recidiva kienet applikabbli taht l-Artikolu 49 u mhux 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310 (1)(b), 293, 294, 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------